MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 255/2003

***Bank of Valletta p.l.c.***

***Versus***

***Oilfield Supplies & Services Limited* u Francis u Mary miżżewġin Borg**

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob mingħand il-konvenuti flimkien *in solidum* il-ħlas ta' sebgħa u sittin elf, erba' mija u ħamsa u tmenin lira u tnejn u tletin ċenteżmu (Lm67,485.32) – daqs mija u sebgħa u ħamsin elf, mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€157,198.51) – bilanċ ta' somma akbar mislufa lis-soċjetà konvenuta u li daħlu għaliha bħala garanti *in solidum* il-konvenuti miżżewġin Borg b'kitba tal-15 t'Ottubru 2001. Qiegħda titlob ukoll l-imgħax mil-1 t'Ottubru 2002 u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' żewġ ittri uffiċjali, ta' mandat ta' sekwestru u ta' mandat ta' qbid.
Il-konvenuti, għalkemm notifikati kemm bl-atti u kemm bl-avviż tas-smigħ, ma ressqux eċċezzjonijiet u ma dehrux

għas-smigħ tal-kawża, u baqgħu ma għamlu ebda sottomissjoni, lanqas wara li l-qorti tathom fakoltà jagħmlu dan kif igħid u jrid l-art. 158(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Mid-dokumenti esebiti mill-attriċi kif ukoll mix-xiehda tal-Prokuratriċi Legali Francesca Xerri jidher illi tassew illi l-konvenuti għandhom jagħtu dak mitlub mill-attriċi.

Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi: tikkundanna lill-konvenuti flimkien *in solidum* iħallsu lis-soċjetà attriċi mija u sebgħa u ħamsin elf, mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€157,198.51), flimkien ma' l-imgħaxijiet mill-1 t'Ottubru 2002 sa meta jsir il-ħlas, u tikkundannahom ukoll iħallsu l-ispejjeż ġudizzjarji kollha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------